32003D0597

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-4 ta' Awissu 2003

tistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 93/25/KEE fir-rigward għall-istħarriġ statistiku dwar il-popolazzjoni u l-produzzjoni tan-nagħaġ u mogħoż

(notifikata bid-dokument numru K(2003) 2801)

(2003/597/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 93/25/KEE ta' l-1 ta' Ġunju 1993 dwar stħarriġ statistiku li għandu jsir fuq merħliet ta'nagħaġ u mogħoż [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 97/77/KE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 1(4), l-Artikolu 2(2), l-Artikolu 3(2) u (3), l-Artikolu 7, l-Artikolu 10(1) u (2) and l-Artikolu 13(3) tagħhom,

billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/434/KE tat-30 ta' Mejju 1994 li tistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 93/25/KEE fir-rigward ta' l-istħarriġ statistiku fuq il-popolazzjoni u l-produzzjoni tan-nagħaġ u l-mogħoz [3] kienet emendata sostanzjalment diversi drabi [4]. Fl-interess taċ-ċarezza u razzjonalità din id-Deċiżjoni għandha tkun kodifikata.

(2) Definizzjonijiet preċiżi huma meħtieġa sabiex isir stħarriġ previst fid-Direttiva 93/25/KEE. Din ta' l-ewwel titlob definizzjoni ta' impriżi agrikoli koperti mill-istħarriġ. Il-kategoriji individwali li fihom ir-riżultati ta' l-istħarriġ għandhom jitniżżlu għandhom ikunu definiti b'mod preċiż u d-daqsijiet tal-klassijiet u r-reġjuni tal-merħliet li skonthom l-Istati Membri għandhom joħorġu riżultati ta' stħarriġ b'mod regolari, għandhom jiġu determinati. Definizzjoni waħda tal-piż tal-karkasss hija meħtieġa biex isiru statistiżi ta' qatliet ta' l-annimali.

(3) Skond id-Direttiva 93/25/KEE, l-Istati Membri jistgħu, fuq talba tagħhom, ikunu awtorizzati biex jużaw is-sorsi amministrattivi minflok l-istħarriġ statistiku dwar l-istokkijiet ta' nagħaġ u mogħoż.

(4) Saru applikazzjonijiet mill-Istati Membri għat-tipi varji ta' awtorizzazzjoni.

(5) Din id-Deċiżjoni taqbel ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar l-Istatistika Agrikola,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/25/KEE, "impriża agrikola" tfisser kull unita teknika u ekonomika taħt maniġment wieħed li jipproduċi prodotti agrikoli.

2. L-istħarriġ li hemm riferenza għalih fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 93/25/KEE għandu jkopri:

(a) Art agrikola b'medda agrikola utilizzata ta' 1 ha jew aktar;

(b) Art Agrikola b'medda agrikola utilizzata b'inqas minn 1 ha, jekk il-produzzjoni tagħhom hi sa ċertu punt intenzjonata għall-bejgħ jew jekk l-unita ta' produzzjoni tagħhom taqbez ċertu limitu naturali

[1] ĠU L 149, tal-21.6.93, p. 10.
[2] ĠU L 10, tas-16.1.98, p. 28.
[3] ĠU L 179, tat-13.7.94, p. 33.
[4] Ara l-Anness VI.

3. L-Istati Membri li jkunu jixtiequ japplikaw limitu ta' stħariġ differenti għandhom, madankollu, jintrabtu li jiddeterminaw dak il-limitu b'tali mod li l-iżgħar artijiet biss jiġu eskluży, u li flimkien l-artijiet eskluży jammontaw għal 1 % jew inqas għall-marġinu gross standard, skond it-tifsira mogħtija fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 85/277/KEE [1], tal-Istat Membru konċernat

Artikolu 2

Id-definizzjonijiet tal-kategoriji ta' nagħaġ u mogħoż li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 93/25/KEE huma mniżżla f'L-ANNESS I.

Artikolu 3

Id-subdiviżjonijiet territorjali li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/25/KEE huma mniżżla f'L-ANNESS II.

Artikolu 4

Il-klassijiet ta' qisien li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 93/25/KEE huma mniżżla f'L-Anness III.

Artikolu 5

Il-piż tal-karkass li hemm riferenza għalih fl-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 93/25/KEE hija mfissra fl-Anness IV.

Artikolu 6

1. Skond l-artikolu 1(3) tad- Directive 93/25/KEE, l-Istati Membri imniżżla f'punt(a) tal-Anness V huma awtorizzati li jużaw is-sorsi amministrattivi minflok l-istħarriġ statistiku.

2. Skond l-artikolu 10(2) tad-Direttiva 93/25/KEE l-Istati Membri imniżżla f'punt (b) ta' l-Anness V huma awtorizzati biex jużaw il-klassifikazzjoni bi klassijiet ta' qies tal-merħla għar-riżultati finali ta' snin biż-żewġ.

Artikolu 7

Deċiżjoni Nru 94/434/KE hija mħassra.

Riferenzi għal Deċiżjoni abbrogata għandhom jitqiesu bħala riferenzi għal din id-Deċiżjoni u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni imniżżla f'L-Anness VII.

Artikolu 8

Dan id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fl-4 ta' Awissu 2003.

Ghall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 220, tas-17.8.85, p. 1.

L-ANNESS I

Definizzjoni tal-kategoriji

Nagħaġ u ħrief tan-nagħaġ impoġġija għall-kibx.

Femminili ta' l-ispeċi ovina li diġa kienu imħarfa darba kif ukoll dawk li tpoġġija għall-kibx għall-ewwel darba.

Nagħaġ tal-ħalib

Nagħaġ li huma miżmuma esklussivament jew prinċipalment biex jipproduċu l-ħalib għall-konsum uman u/jew għall-ipproċessar ta' prodotti tal-ħalib. Dawn jinkludu *nagħaġ imħarfa tal-ħalib* (kemm jekk huma imħaxxna kemm jekk mhumiex bejn l-aħħar darba li ġew maħluba u l-qatla tagħhom).

Nagħaġ oħra

Nagħaġ li mhumiex nagħaġ tal-ħalib.

Ħrief

Nagħaġ maskili jew femminili sa età ta' tnax-il xahar.

L-ANNESS II

Subdiviżjonijiet territorjali

Belġju:	Région/Gewest
id-Danimarka:	—
il-Ġermanja:	Bundesländer
Greċja:	Ir-reġjuni tas-servizzi ta' l-Iżvilupp reġjonali
Spanja:	País Vasco Navarra La Rioja Aragón Cataluña Islas Baleares Castilla y Léon Madrid Castilla-La Mancha Il-*Comunidad*Valenciana (ta' Valenza) Región de Murcia Extremadura Andalucía other Comunidades Autónomas
Franza:	— għal nagħaġ li ġejjin minn dawn ir-reġjuni Midi-Pyrénées Poitou-Charentes Limousin Aquitaine Provence-Alpes-Côte d'Azur Auvergne other regions — għal mogħoż li ġejjin mir-reġjuni ta' Rhône-Alpes Poitou-Charentes Centre -Pays-de-la-Loire Bourgogne Midi-Pyrénées reġjuni oħra
l-Irlanda:	—
l-Italja:	— għal nagħaġ — għal mogħoż Reġjuni Piemonte Lombardia Toscana Lazio Campagnia Puglia Basilicata Calabria Sicilia Sardegna
il-Lussemburgu:	—
l-Olanda:	Provincies
l-Awstrija:	Bundesländer
Il-Portugall:	Regiões

Il-Fillandja	Etelä-Suomi— Uusimaa Itä-Suomi Väli-Suomi Pohjois-Suomi
L-Isvezja	— għan-nagħaġ: 8 Riksområden
	— għal mogħoż:—
ir-Renju Unit:	Reġjuni Standard

L-ANNESS III

TABELLA 1

Klassijiet ta' qisien ta' stokkijiet ta' nagħaġ miæmuma

Kategoriji	detenturi tan-nagħaġ (Total)			detenturi tal-ħrief impoġġija għall-kibx u n-nagħaġ [b]			detenturi ta' nagħaġ tal-ħalib u ħrief tan-nagħaġ tal-ħalib impoġġija għall-kibx [c]			detentur of other ewes and ewe lambs put to the ram [c]		
	Nagħaġ/detentur	Numru tad-detentur Number	Annimali 1 000	Ħrief impoġġija għall-kibx, nagħaġ/detentur	Numru tad-detentur	Annimali 1 000	nagħaġ tal-ħalib u ħrief tan-nagħaġ tal-ħalib impoġġija għall-kibx/ detentur	Numru tad-detentur	Annimali 1 000	Other ewes and ewe lambs put to the ram/detentur	detentur Number	Annimali 1 000
I	1-9			1-9			1-9			1-9		
II	10-19			10-19			10-19			10-19		
III	20-49			20-49			20-49			20-49		
IV	50-99			50-99			50-99			50-99		
V	100-199			100-199			100-199			100-199		
VI	200-499			200-499			200-499			200-499		
VII	500-999			500-999			500-999			500-999		
VIII	≥ 1 000			≥ 1 000			≥ 1 000			≥ 1 000		
	≥ 100 [a]			≥ 100 [a]			≥ 100 [a]			≥ 100 [a]		
	Kopā			Kopā			Kopā			Kopā		

[a] analiżi mhux obbligatorja għal-Lussemburgu, Il-Belġju, id-Danimarka and l-Isvezja.
[b] Mhux obbligatorja għall-Belġju, il-Ġermanja, l-Olanda ul-Isvezja.
[c] Mhux obbligatorja għall-Belġju, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Olanda, l-Awstrija, il-Finlandja, l-Isvezja u -Renju Unit.

TABELLA 2

Klassijiet ta' qisien ta' stokkijiet ta' mogħoż miżmuma

Categories	detentur tal-mogħoż (Total)			detentur ta' nanny-goats u mogħoż li diġa kienu mharfa (c)		
	Total ta' mogħoż/detentur	Numru tad-detentur	Annimali 1 000	Nanny-goats u mogħoż li kienu diġà mharfa/detentur	Numru tad-detentur	Annimali 1 000
I	1-9			1-9		
II	10-19			10-19		
III	20-49			20-49		
IV	50-99			50-99		
V	100-499			100-499		
VI	500-999 (b) ≥ 100 (a)			500-999 (b) ≥ 100 (a)		
VII	≥ 1 000			≥ 1 000		
	Kopā			Kopā		

(a) analiżi mhux obbligatorja għal-Lussemburgu, il-Belġju, id-Danimarka and l-Isvezja.
(b) analiżimhux obbligatorja għal Franza.
(c) Optional for Belġju, il-Ġermanja, the l-Olanda and l-Isvezja.

L-ANNESS IV

Definizzjoni ta' piż ta' karkass

Piż ta' karkass huwa l-piż tal-ġisem kiesaħ ta' annimal maqtul wara li jkun ġie skarnat, imqaxxar u jkun inqalagħlu l-ġewwieni, u wara li tkun tneħħielu r-ras (maqlugħha mill-*atlanto-occipital joint)* is-saqajn (maqlugħa mill-*carpometacarpal* jew *tarso-metatarsal joints*).

Kliewi u xaħam tal-kliewi huma nklużi fil-karkass.

L-ANNESS V

(a) L-Istati Membri huma awtorizzati li jużaw sorsi amministrattivi minflok stħarriġ statistiku.

(b) L-Istati Membri huma awtorizzati li juzaw analiżi bil-klassijiet ta' qisien tal-merħla għar-riżultati finali ta' snin biż-żewġ.

L-ANNESS VI

deċIżjoni mħassra b'emendi li ġew wara

Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/434/EC	(ĠU L 179, tat-13.7.1994, p. 33)
Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/380/EC, l-Artikolu 3 only	(ĠU L 228, tat-23.9.1995, p. 25)
Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/47/EC, l-Artikolu 3 only	(ĠU L 15, ta' l-20.1.1999, p. 10)

L-ANNESS VII

Tabella ta' korrelazzjoni

DEĊIŻJONI Nru 94/434/EC	DEĊIŻJONI Nru 94/434/KE
L-Artikolu 1 sa 6	L-Artikolu 1 sa 6
L-Artikolu 7 u 8	—
—	L-Artikolu 7
L-Artikolu 9	L-Artikolu 8
L-Anness I	L-Anness I
L-ANNESS II	L-ANNESS II
l-Anness III	l-Anness III
l-Anness IV	l-Anness IV
l-Anness V	l-Anness V
—	l-Anness VI
—	l-Anness VII